MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 1060/2006

**Philip Gauci u Carmelo Gauci.**

**vs**

**Charles Gauci.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Philip Gauci (ID227050 M) u Carmelo Gauci (ID 744755 M) datat 24 ta' Novembru 2006 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi r-rikorrenti ghandhom dritt li jghaddu minn fuq bicca art, kemm bir-rigel u kif ukoll bil-vettura, u kif filfatt ilhom jaghmlu ghal snin twal sabiex jaccedu ghall-proprjeta` li tinsab fil-pussess taghhom fl-inhawi tal-Imtarfa, fil-kontrada maghrufa bhala ta' Ghajn Kellija, limiti tar-Rabat.

Illi fit-30 ta’ Ottubru 2006 ghall-habta tas-2 pm ir-rikorrenti, meta marru fil-proprejta` fuq imsemmija sabu lill-intimat qieghed iwahhal speci ta’ ballards u katina propju biex ir-rikorrenti ma jkunux jistghu jghaddu, kif dejjem ghaddew minn fuq din il-bicca art, u bil-konsegwenza wkoll li llum ghandhom xi ingenji li lanqas jistghu johorguhom.

Illi l-agir ta’ l-intimat manifestament huwa wiehed abbuziv u jammonta ghal spoll ricenti u privileggjat fis-sens kif irid l-**artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi l-intimat intalab sabiex iqieghed kollox ghall-istat pristinu tieghu b’mod li l-intimati jigu ri-integrati fil-pussess tal-passagg fuq imsemmi, pero` dan kollu kien inuli, anzi baqa’ jippersisti b’dan l-agir ghal kollox illegali u abbuziv.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbu lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-agir tal-intimat kif fuq spjegat jikkostitwixxi *di fronte* tar-rikorrenti spoll ricenti u privileggjat u dan fit-terminu ta’ dak li jipprovdi l-**artikolu 535 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta.**

2. Tikkundanna u tordna lill-istess intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju *occorrendo* bin-nomina ta’ periti nominandi jqieghed l-imsemmi passagg ossia art ghall-istat pristinu taghha qabel ma wettaq l-atti fuq imsemmija, u li jirrintegra lir-rikorrenti fil-pussess tal-imsemmi dritt ta’ passagg fuq l-art imsemmija.

3. Fin-nuqqas li l-intimat jaghmel dak lilu ordnat fiz-zmien lilu prefiss, ir-rikorrenti jigu awtorizzati sabiex a spejjez tal-istess intimati, jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji taht is-supervizjoni tal-peritti nominati mill-Qorti ghall-fini tat-tieni talba, u cioe` sabiex jigu ri-integrati fil-pussess ta’ passagg minn fuq l-art fuq imsemmija.

4. Tordna u tikkundanna wkoll lill-intimat sabiex f’ kaz li x-xoghlijiet kollha necessarji jsiru mir-rikorrenti kif mitlub fit-tielet talba, ihallas dawk l-ispejjez kollha li jinkorru iwettqu x-xoghlijiet necessarji skont it-tielet talba, wara li

liema spejjez jigu verifikati mill-istess perit nominat mill-Qorti.

Bl-ispejjez u bl-intimat minn issa ingunt in subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ta' danni.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti a fol. 2 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' Jannar 2007.

Rat ir-risposta guramentata ta' Charles Gauci (KI 744755 M) datata 22 ta' Dicembru 2006 a fol. 12 tal-process fejn ikkonferma:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati filfatt u fid-dritt *stante* li l-elementi sabiex tirnexxi l-*actio spolii* ma jissusistux fil-kaz odjern kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;

2. Illi *inoltre*, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent ma kkommetta l-ebda spoll kontra l-atturi;

3. Illi l-uniku dritt ta' passagg li jezisti fuq il-propjreta` tal-esponenti huwa dritt ta' passagg bir-rigel biss u filfatt huwa dritt ta' passagg bir-rigel biss li gie permess mill-esponenti u konsegwentement ezercitat mir-rikorrenti;

4. Illi l-ingenji agrikoli li talvolta seta' kellhom ir-rikorrent inhargu mir-rikorrenti mill-post in kwistjoni u dan taht is-sorveljanza tal-Pulizija u ghalhekk tali ilment ma ghadux jissusstixxi;

5. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u b'riserva ghal kul eccezzjoni ohra permessa mil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimat a fol. 13 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta inkluz dik tas-seduta tad-9 ta'

Dicembru 2008 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' Frar 2009.

Rat l-ordni tal-Qorti tat-18 ta' Dicembru 2008 fejn il-kawza giet differita ghas-26 ta' Frar 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija azzjoni ta' spoll li hija bbazata fuq l-**artikolu 534 tal-Kap 16** u l-**artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u l-elementi tal-*actio spolii* huma dawk ta:-

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April, 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b' titolu ta' proprjeta' jew servitu', izda anke purament materjali jew *di fatto*, izda mhux ta' mera tolleranza (**"Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine**" – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest (**“Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna”** – P.A.(H.H.) 21 ta’ Frar 1983), pero` *“pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta’ spoll”* (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b’dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**“Camilleri vs Giglio”** – Vol X – p. 55, 56).

(c) Illi fil-fatt dak li jrid jigi ezaminat f’din il-kawza huwa l-fatt ta’ pussess jew detenzjoni tal-haga u l-fatt tal-ispoll u dan ghaliex raguni ta’ tali azzjoni hija sabiex ikun hemm rimedju spedjanti u rapidu ghal min ikun ddisturba stat ta’ fatt billi jkun ha l-ligi f’idejh u l-iskop huwa sabiex il-konvenut jipprestina l-istat ta’ fatt ghal dak li kien qabel il-kommessjoni tal-att spoljattiv; b’hekk tali azzjoni hija ta’ ordni pubblika u ma humiex ammessi hlief eccezzjoni dilatorji, b’dan li l-azzjoni trid issir fi zmien xahrejn mid-data ta’ l-atti spoljattiv.

Illi applikati l-principjji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-atturi kienu effettivament jghaddu minn passagg kemm bir-rigel u kemm bil-vettura taghhom, liema passagg jinsab fi triq li qeghda fuq in-naha ta’ wara tar-razzett tal-atturi, kif idur fuq il-lemin kif wiehed ihares lejn ir-razett mill-faccata, u liema passagg jinsab identifikat mill-pjanta esebita bhala Dok. “PC1” (fol. 48) u jirrizulta li dan il-passagg kien jintuza kemm sabiex l-atturi jghaddu bir-rigel (minn fuq parti li hija proprjeta’ tal-atturi stess – u mhux il-mertu ta’ din il-kawza) u wkoll bil-vetturi taghhom fuq il-parti l-ohra tat-triq, u dan anke sabiex jaccedu ghall-garaxx li llum jappartjeni lill-istess atturi u li qabel kien jappartjeni lil certu Pawlu Galea.

Illi l-uzu tal-istess passagg ghall-vetturi u ghall-ingenji tal-atturi gie ppruvat mix-xhieda tal-attur, Philip Gauci, Saverin Gauci u Maria Victoria Gauci fl-affidavits taghhom pprezentati b’nota tas-7 ta’ Frar 2007, u mix-xhieda tal-Perit Carmen Sutton (4 ta’ Ottubru 2007) li kkonfermat li kien isir uzu mill-istess passagg sabiex l-atturi jghaddu bil-vetturi taghhom u li ma kien hemm xejn x’jostakola dan l-access.

Illi jidher li dan l-uzu baqa' jsir sakemm fit-30 ta' Ottubru 2006, l-istess triq minn fejn l-atturi kienu jghaddu bil-vetturi taghhom, giet maghluqa mill-konvenut permezz ta' speci ta' zewg ballards mal-art b'katina kif jidher fir-ritratt Dok. "B" (fol. 4) u dan anke kif jirrizulta mir-rapport li kien sar lill-pulizija esebit bhala Dok. "AP" (fol. 52) u kkonfermat mix-xhieda ta' P.S. 426 Anthony Portelli (4 ta' Dicembru 2007 – fol. 55 *et sequitur).*

Illi fil-fatt mill-istess rapport jirrizulta li din il-katina saret mill-konvenut peress li skont huwa l-atturi kienu qed jostakolaw bil-vetturi taghhom l-istess triq u fil-verita' din hija konferma ta' kemm sa' dak in-nhar l-istess atturi kienu qed juzaw l-istess triq bl-ingenji u l-vetturi taghhom.

Illi din il-Qorti thoss li dan kollu gie ppruvat mhux biss mix-xhieda prodotta mill-atturi izda anke mix-xhieda prodotta mill-konvenut u senjatament dik ta' Alfred Galea (9 ta' Dicembru 2008) li jghid li Pawlu Galea (li qabel kellu l-garaxx imsemmi) kien jidhol mill-istess passagg bil-vetturi tieghu, u jidher li meta l-atturi hadu l-garaxx f'idejhom baqghu jaghmlu l-istess, dejjem bhala fatt.  Dan huwa wkoll ammess mix-xhieda tal-konvenut stess fil-kontro-ezami tieghu (9 ta' Dicembru 2008) fejn jghid li kien hemm zminijiet li Pawlu Galea ghadda mill-istess passagg bil-vetturi tieghu u jidher li meta l-atturi hadu l-garaxx f'idejhom ghamlu l-istess u l-konvenut dehrlu li kellu jwaqqafhom ghaliex jippretendi li ma' ghandhomx dritt sabiex l-istess passagg jintuza ghall-vetturi u ngenji tal-atturi.

Illi b'hekk jirrizulta li fil-fatt il-konvenut kull ma ghamel kien li ha l-ligi b'idejh billi ghamel l-imsemmi ostakolu sabiex l-atturi ma jibqghux juzaw il-passagg sabiex jghaddu minnu bil-vetturi u ingenji taghhom u din huwa proprju l-agir li l-azzjoni ta' spoll timmira li ma thalliex u cjoe' li persuna tiehu l-ligi b'ideja. Dak li jidher li ghamel il-konvenut sar minnu ghaliex huwa jippretendi li l-atturi ghandhom biss dritt ta' passagg bir-rigel minn hemm u mhux dritt li jghaddu bil-vetturi – izda f'din il-kawza l-Qorti ma tistax u ma ghandhiex tidhol fuq konsiderazzjonijiet ta' dritt, izda biss fuq l-elementi ta' pussess, u jidher mill-provi prodotti li

l-istess atturi kienu jaghmlu uzu mill-istess passagg anke bil-vetturi taghhom; b'hekk l-element ta' pussess gie pruvat, bhal ma' gie pruvat l-element spoljattiv b'dak li gara fit-30 ta' Ottubru 2006, meta l-passagg minn fejn l-atturi kienu jghaddu bil-vetturi u ingenji taghhom gie maghluq bl-ispeci ta' ballards u katina kif indikat f'Dok. "B" (anness mar-rikors guramentat) u fil-pjanta Dok. "PC 1", liema katina jidher li giet spustata mill-posizzjoni li kienet (verbal datat 9 ta' Ottubru 2008 – fol. 96), izda li xorta timpedixxi lill-atturi milli juzaw l-istess passagg kif kienu jaghmlu sabiex jaccedu bil-vetturi taghhom.

Illi dwar l-ecccezzjoni tal-konvenut jidher li l-ewwel eccezzjonijiet gew kontrastati bil-prova ta' pussess u tal-ispoll; dwar it-tielet eccezzjoni fejn jinghad li l-unika dritt li ghandhom l-atturi fuq il-proprjeta' tal-konvenut huwa biss ta' passagg bir-rigel – la darba din hija azzjoni ta' spoll – ma ghandux u ma jistax isir ezami ta' drittijiet – peress li din hija azzjoni possessorja; ir-raba' eccezzjoni fejn jinghad li l-ingenji li kellhom l-atturi inhargu mill-garaxx fejn kienu ma hijiex ta' ostakolu ghall-azzjoni ta' spoll; kif lanqas hija ta' tfixkil ghall-istess kawza l-allegazzjoni *da parte* tal-konvenut li l-atturi ghandhom triq ohra minn fejn jaccedu ghall-garaxx taghhom.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi**:-**

1. Tiddikjara li l-agir tal-intimat kif fuq spjegat jikkostitwixxi *di fronte* tar-rikorrenti spoll ricenti u privileggjat u dan fit-terminu ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Tikkundanna u tordna lill-istess intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni u taht id-direzzjoni u sorveljenza tal-

Perit Tekniku Valerio Schembri, li qed jigi hawn nominat a spejjez tal-konvenut, iqieghed l-imsemmi passagg *ossia* art ghall-istat pristinu taghha qabel ma wettaq l-atti fuq imsemmija, u li jirrijintegra lir-rikorrenti fil-pussess tal-imsemmi passagg fuq l-art imsemmija b'mod li l-istess rikorrenti jkunu jistghu jghaddu mill-istess bil-vetturi u ingenji taghhom u dan billi jitnehhew l-ispeci ta' ballards u l-katina msemmija f'dawn l-atti fil-passagg indikat ukoll f'Dok. "PC 1" (fol. 48).

3. Fin-nuqqas li l-intimat jaghmel dak lilu ordnat fiz-zmien lilu prefiss konsegwenti ghat-tieni talba attrici, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex a spejjez tal-istess intimat, jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji ghall-fini tat-tieni talba, u cioe` sabiex jigu ri-integrati fil-pussess ta' passagg minn fuq l-art fuq imsemmija u dan taht is-supervizjoni tal-perit tekniku Valerio Schembri, tali nomina peritali wkoll a spejjez tal-istess konvenut.

4. Tordna u tikkundanna wkoll lill-intimat sabiex f' kaz li x-xoghlijiet kollha necessarji jsiru mir-rikorrenti kif mitlub fit-tielet talba, ihallas dawk l-ispejjez kollha li jinkorru sabiex iwettqu x-xoghlijiet necessarji skont it-tielet talba, b'tali spejjez awtorizzati u verifikati mill-istess perit nominat mill-Qorti Valerio Schembri.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Perit Tekniku Valerio Schembri a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------